Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 4/2013AE

**Carmel u Jane konjugi Cachia**

**Vs**

**Cake Master Limited**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

Fil-11 ta' Jannar 2013, ir-rikorrenti pproponew kawza quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera fejn talbu li s-socjeta intimata tigi kkundannat tizgombra mill-fond numru 39, Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar. Dan wara li ppremettew li b'kuntratt tad-19 ta' Novembru 1998, il-fond kien inghata b'kera lil Chriskur Company Limited (C-17513), li min-naha taghha ssullokat il-fond lis-socjeta intimata. Peress li Chriskur Company Limited giet xolta, is-socjeta intimata ma kellhiex iktar titolu validu.

Min-naha tas-socjeta intimata ma ddefenditx il-kawza. B'sentenza tad-9 ta' Marzu 2015, il-Bord iddecieda:

*"Illi f'din il-kawza r-rikorrenti, qua sidien ta' fond sullokat lis-socjeta' intimata, qeghdin jitolbu lil dan il-Bord jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-istess fond minhabba 'l fatt illi s-socjeta' li ssullokat l-fond lis-socjeta' intimata llum hija xolta, kif ukoll minhabba l-fatt illi din is-sullokazzjoni kienet saret minghajr il-kunsens tar-rikorrenti.*

*Kif jemergi mir-rikors promutur, s-socjeta' llum xolta Chriskur Company Limited kienet inadempjenti f'obbligazzjonijiet minnha assunti oltre li l-fond llum jinsab maghluq u dan bi ksur tal-kondizzjonijiet lokattizji;*

*Illi r-rikorrenti talbu li l-kawza tkun deciza bid-dispensa ta' smiegh fit-termini tal-artikolu 16A tal-Kapitolu 69 tal-ligijiet ta' Malta izda dan il-beneficju intilef wara li r-rikorrenti ma rnexxilhomx jinnotifikaw lis-socjeta' intimata biex il-kawza tkun deciza entro it-terminu previz mil-ligi;*

*Illi r-rikorrenti akkludew mar-rikors promutur dikjarazzjoni guramentata tal-fatti kif minnhom maghrufa. Inoltre r-rikorrenti Carmel Cachia xehed quddiem dan il-Bord u ddikjara li ma kien hemm ebda kambjament minn meta intavola r-rikors promutur sad-data tad-deposizzjoni tieghu;*

*Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti u l-fatti kif minnhom esposti baqghu mhux kontestati u wisq anqas kontradetti.*

*Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jkunu konfermati u ghal dawn il-motivi l-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgombru qed jipprefigi zmien tletin (30) jum mil-lum;*

*L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta' intimata".*

Is-socjeta intimata appellat is-sentenza. L-aggravju taghha hu:-

*"Illi fil-mori tal-kawza s-socjeta Cake Master Limited kienet tilfet il-fiducja fl-avukat taghha li kien irrinunzja ghall-patrocinju u fil-mori sakemm l-istess socjeta Cake Master Limited qabdet avukat iehor biex jippatrocinja l-kaz taghha, l-Bord fl-unika seduta li s-socjeta Cake Master Limited ma deheritx proprju minhabba dan il-perjodu qasir transazzjonali, il-Bord tal-Kera qabad u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza.*

*Illi s-socjeta Cake Master Limited ma nghatatx l-opportunita' sabiex taghmel il-provi taghha u kwindi giet imcahhda mill-jedd taghha in lineja tal-principju audi alteram partem u bi ksur tad-drittijiet fundamentali taghha ta' smiegh xieraq".*

Min-naha tal-appellati wiegbu li:

1. L-appell hu null;
2. L-appellanti kellha kull opportunita' li tidher quddiem il-Bord, in kwantu kienet giet notifikata bl-atti u ghalhekk kienet taf li din kienet procedura sommarja. Madankollu ghazlet li ma tattendix. Il-kawza hi ta' parti u mhux tal-avukat u ghalhekk l-appellanti ma kellha l-ebda skuza ghalfejn m'attenditx ghas-seduta quddiem it-Tribunal.

Il-qorti rat l-atti u tosserva:

1. Fir-rigward tal-eccezzjoni ta' nullita' tar-rikors tal-appell, din l-eccezzjoni nghatat bla bzonn. M'hemm xejn irregolari fit-talba li taqra:

   *"Ghaldaqstant is-socjeta Cake Master Limited filwaqt li taghmel referenza ghall-provi prodotti u ghal kull provi li ghandha l-jedd tipproduci f'dan l-istadju, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija fid-9 ta' Marzu 2015 fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi ghar-ragunijiet fuq esposti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti".*

2. Ghal dak li jirrigwarda l-meritu tal-appell:

   a) Ir-rikors promotur li pprezentaw l-appellati, kien fih talba li l-kawza tinstema' bil-procedura sommarja specjali kontemplata fl-Artikolu 16A tal-Kap. 69.
   b) B'digriet tal-14 ta' Jannar 2013, il-Bord ordna n-notifika tar-rikors lis-socjeta intimata. Notifika li saret bl-affissjoni u pubblikazzjoni wara l-awtorizazzjoni tal-Bord (fol. 17).
   c) Il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-29 ta' April 2013.
   d) Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 kien attenda s-seduta d-difensur tas-socjeta intimata, li hu l-istess difensur li ffirma r-rikors tal-appell u fejn iddikjara li qieghed jassumi l-patrocinju tas-socjeta intimata. Dakinhar il-kawza giet differita ghas-seduta tal-5 ta' Marzu 2015 ghan-notifika tal-avviz ta' smiegh lis-socjeta intimata. Avviz li gie notifikat bl-affissjoni u pubblikazzjoni skond l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

e) Fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2015 hadd ma deher ghas-socjeta intimata. Dakinhar il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2015.
f) Ghas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2015 attendew biss l-appellat u d-difensur tieghu, u l-Bord ta s-sentenza.

3. Minn din l-*iter* processwali, hu evidenti li l-appell tas-socjeta intimata hu mibni fuq pedament tar-ramel. Kien fl-interess taghha li tizgura li tiddefendi l-kawza u li ghas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2015 jidher rapprezentant taghha. Minhabba n-nuqqas taghha ma tistax tilmenta li ma nghatatx smiegh xieraq mill-Bord. Fir-rikors tal-appell argumentat li fil-mori tal-proceduri kienet inkarigat avukat iehor u:

   *"... fl-unika seduta li s-socjeta Cake Master Limited ma deheritx proprju minhabba dan il-perjodu qasir transazzjonali, l-Bord tal-Kera qabad u ddiferixxa l-kawza ghas-sentenza".*

   Li s-socjeta appellanti ma semmietx hu li ghas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2015 attenda l-istess avukat li ffirma r-rikors promotur u ddikjara li kien qieghed jassumi l-patrocinju tas-socjeta intimata. Ghalhekk m’huwiex veru dak li qalet is-socjeta appellanti, in kwantu mill-verbal tad-19 ta’ Jannar 2015 (fol. 43) hu evidenti li kienet diga’ ppatrocinata mill-istess avukat li qieghed jiddefendiha fl-appell. L-appellanti kellha d-dmir li tizgura li ghas-seduta tal-5 ta’ Marzu 2015 jattendi rapprezentant taghha, gialadarba kienet notifikata bid-data tas-smiegh. Ladarba hadd ma deher ghas-socjeta intimata u meqjus ukoll li l-procedura kienet dik kontemplata fl-Artikolu 16A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tigdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69), il-Bord kellu jaghti s-sentenza u jilqa’ t-talba tal-appellati (ara Artikolu 16A(5) tal-istess ligi).

**Ghal dawn il-motivi:-**

i. **Tichad l-eccezzjoni tan-nullita’ tal-appell.**
ii. **Tichad l-appell. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lis-socjeta appellanti sabiex thallas l-ispejjez kollha tal-appell ghal darbtejn**.

Anthony Ellul.